VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,441, 16 ta' Ġunju, 2015
Taqsima B

A.L. 196 tal-2015

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Żgħażagħ fuq il-Post tax-Xogħol

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamlet ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Żgħażagħ fuq il-Post tax-Xogħol, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Żgħażagħ fuq il-Post tax-Xogħol, hawnhekk iżjed il-quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 424.10

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 94/33/KE dwar il-Protezzjoni taż-Żagħżagħ fuq ix-xogħol.

Jissostitwixxi l-Iskeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"SKEDA
Regolament 4(1)(b)

Lista mhux eżawrjenti ta aġenti, proċessi u xogħol li żgħażagħ ma jistgħux jiġu esposti għalihom

I. Aġenti

1. Aġenti fiżiċi

(a) Radjazzjoni ionizzanti;

(b) Xogħol f'atmosfera bi pressjoni għolja, e.ż. f'kontenituri taħt pressjoni, xogħol taħt l-ilma.

2. Aġenti Bijologiċi

Aġenti bijoloġiċi li jappartjenu għall-gruppi ta' riskju 3 u 4 skont it-tifsira tal-paragrafi (ċ) u (d) tat-tifsira "aġenti bijoloġiċi" fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema minn

VERŻJONI ELETTRONIKA

Riskji relatati mal-Espożizzjoni għal Aġenti Bijoloġiċi fuq il-Post tax-Xogħol (L.S.424.25).

3. Aġenti Kimiċi

(a) Sustanzi u taħlitiet li jissodisfaw il-kriterji dwar il-klassifikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'waħda jew aktar minn dawn il-klassijiet ta' periklu u kategoriji perikoluži li ġejjin b'waħda jew aktar mid-dikjarazzjonijiet ta' periklu li ġejjin:

- tossiċità akuta, kategorija 1, 2 jew 3 (H300, H310, H330, H301, H311, H331);

- korrużjoni tal-ġilda, kategorija 1 A, 1B jew 1C (H314);

- gass li jaqbad, kategorija 1 jew 2 (H220, H221);

- aerosols li jaqbdu, kategorija 1 (H222);

- likwidu li jaqbad, kategorija 1 jew 2 (H224, H225);

- splussiv, kategoriji "splussiv instabbli", jew splussivi tad-Diviżjonijiet 1.1, 1.2, 1.3, 1.4, 1.5 (H200, H201, H202, H203, H204, H205);

- sustanzi u taħlitiet awtoreattivi, tip A, B, C jew D (H240, H241, H242);

- perossidi organiċi, tip A jew B (H240, H241);

- tossiċità f'organi speċifiċi wara espożizzjoni waħda, kategorija 1 jew 2 (H370, H371);

- tossiċità f'organi speċifiċi wara espożizzjoni ripetuta, kategorija 1 jew 2 (H372, H373);

- sensitizzazzjoni respiratorja, kategorija 1, sottokategorija 1 A jew 1B (H334);

- sensitizzazzjoni tal-ġilda, kategorija 1, sottokategorija 1 A jew 1B (H317);

- karċinoġeniċità, kategorija 1 A, 1B jew 2 (H350, H350i, H351);

- mutaġeni għaċ-ċelloli ġerminali, kategorija 1 A, 1B jew 2 (H340, H341);

VERŻJONI ELETTRONIKA

- tossiċità riproduttiva, kategorija 1 A jew 1B (H360, H360F, H360FD, H360Fd, H360D, H360Df).

(b) (*imħassar*);

(ċ) (*imħassar*);

(d) Sustanzi u taħlitiet imsemmija fil-paragrafu (b) tat-tifsira "*carcinogen*" fir-regolament 2 tar-Regolamenti Dwar il-Protezzjoni ta' Ħaddiema mir-Riskji Relatati mal-Espożizzjoni għall-*Carcinogens* jew *Mutagens* fuq il-Post tax-Xogħol (L.S.424.22);

(e) Iċ-ċomb u l-komposti tiegħu, sa fejn l-aġenti inkwistjoni jistgħu jiġu assorbiti mill-organiżmu uman;

(f) L-asbestos.

II. Il-Proċessi u x-xogħol

1. Il-proċessi fuq xogħol imsemmija fl-Iskeda I tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Ħaddiema mir-Riskji Relatati mal-Espożizzjoni għall-*Carcinogens* jew *Mutagens* fuq il-Post tax-Xogħol (L.S.424.22);

2. Il-fabbrikazzjoni u l-immaniġġar ta' attrezzamenti, logħob tan-nar u oġġetti oħrajn li jikkontjenu splussivi.

3. Xogħol ma' annimali feroċi u velenużi.

4. Il-qtil ta' annimali fuq skala industrijali.

5. Xogħol li jinvolvi l-immaniġġar ta' għodda għall-produzzjoni, għall-ħażna jew għall-applikazzjoni ta' gassijiet kumpressati, likwidifikati jew maħlula.

6. Xogħol f'vattijiet, tankijiet, *reservoirs* jew damiġġjani li jikkontjenu aġenti kimiċi msemmija fil-paragrafu 1.3.

7. Xogħol li jinvolvi risku ta' kollassi strutturali.

8. Xogħol li jinvolvi perikoli ta' elettriku bil-vultaġġ għoli.

9. Xogħol li r-ritmu tiegħu hu stabbilit mill-makkinarju u li jinvolvi ħlas skont ir-riżultati.".